# Skultur famuż midfun fil-Parroċċa tagħna

Kitba ta' Jos. A. Farrugia

Hi ħaġa tal-iskantament li bniedem li ma twelidx f'Ħal Tarxien, li ma kienx joqgħod f'Ħal Tarxien u lanqas qatt ma ħadem f'Ħal Tarxien, xorta waħda meta miet kien midfun fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Dan ma kienx ħlief l-iskultur famuż Pietro Paolo Azzopardi.

## Introduzzjoni

Fil-ħarġa speċjali ta' dan il-fuljett tas-sena 2008 f'paġna 29 insibu artiklu miktub minn Jos. G. Debono li fih pjanta tal-oqbra li kien hemm fil-knisja parrokkjali tagħna għax sal-1935 d-dfin tan-nies u l-qassisin mejtin li kienu minn Ħal Tarxien kien għadu jsir hemm. Kien hemm ħafna oqbra li kienu nxtraw minn ċerti nies jew familji. Bħal fi żmienna, mhux kulħadd seta' jixtri qabar biex jindifen fih hu u l-familja tiegħu għalhekk kien hemm ukoll oqbra fejn seta' jindifen fihom kulħadd. Ċerti familji li kienu ftit iżjed tat-tajjeb mill-oħrajn xtraw oqbra biex b'dawk il-flus il-knisja parrokkjali setgħet tinbena jew titkabbar kif kien hemm il-ħtieġa.

Meta bdiet tinbena l-knisja parrokkjali, wara l-1610, kellhom jitwaqqgħu tmien kappelli/knejjes żgħar li kien hawn madwar jew fil-kampanja, qalb l-għelieqi ta' Ħal Tarxien. Fost dawn il-kappelli/knejjes żgħar kien hemm tnejn li kienu waħda ddedikata lil San Nikola u l-oħra lil San Andrija li kienu fl-għelieqi li kien hemm f'dak il-qasam kbir li jissejjaħ Buleben li qiegħed bejn Ħal Tarxien u ż-Żejtun. Dawn twaqqgħu bejn is-snin 1614 u 1621. Il-beni jew benefikati jew dħul ta' flus mill-għelieqi ta' madwarhom flimkien mal-beni tal-kappelli/knejjes żgħar ġew użati biex tinbena l-knisja parrokkjali.

Sal-1636 l-knisja kienet lesta mill-bini u kellha żewġ kampnari fil-faċċata li f'wieħed minnhom kien hemm qanpiena mogħtija mill-familja sinjura Azzopardi li kienet toqgħod f'Ħal Tarxien. Fuq din il-qanpiena kien hemm l-arma tal-familja li kienet leoparda bilwieqfa. Barra minn hekk, wara li l-knisja kienet imkabbra bejn l-1709 u s-sena 1756, din il-familja sinjura fl-1789 ġiet mogħtija mill-Isqof Vincenzo Labini bħala guspatronat, jiġifieri li tkun kollha tagħha u fejn il-membri tagħha setgħu jindifnu, dik il-kappella li kienet iddedikata lil San Andrija u San Nikola fil-knisja parrokkjali tagħna. Illum din il-kappella hi ddedikata lil San Franġisk ta' Paola u San Mikiel.

## Barunija ta' Buleben

Buleben hu qasam ta' art għammiela, kif ifisser dan l-isem: *Missier il-ħalib*. Meta ġew il-Kavallieri din l-art kollha, imsejħa l-Fewdu ta' Buleben, ġiet meħuda mill-Gran Mastru. Il-Barunija ta' Buleben inħolqot mill-Gran Mastru Emmanuel Rohan de Polduc meta fit-23 ta' Lulju 1777 ta l-art fewdali ta' Buleben lil Dottor Gaetano Azzopardi li kien il-Protomedico jew it-tabib prinċipali fl-isptar tal-Kavallieri bħala rigal tal-ħidma tiegħu. Għall-ewwel dan it-titlu ta' Baruni kien wieħed personali, iżda wara sena saret talba biex it-titlu jibqa' jintiret mit-tifel il-kbir (primogenito) tal-familja Azzopardi li kienet toqgħod ħdejn il-knisja parrokkjali fid-dar li kienet tissejjaħ Ta' Ganà. Il-familja Azzopardi baqgħet tgħix f'dik id-dar għal diversi snin.



L-Arma tal-Baruni ta' Buleben

## Pietro Paolo Azzopardi: (21-4-1791 – 24-10-1875): ħajtu u ħidmietu

Missier Pietro Paolo kien Antonio Azzopardi u ommu kienet Marija née Camilleri. Hu twieled fil-belt Valletta fil-21 ta' April 1791. Meta kien għadu tifel, il-familja marret toqgħod f'Bormla. Hemmhekk f'età żgħira mar jitgħallem ftit kitba bit-Taljan u wara l-iskultura taħt il-famuż skultur Mariano Gerada li kien minn Ħal Tarxien, iżda kien jaħdem u joqgħod f'Bormla. Fost l-allievi li kellu dan Gerada kien hemm Xandru Farrugia li għamel l-istatwa tagħna tal-Lunzjata, kif ukoll Salvatore Psaila li għamel l-istatwa ta' Santa Liena ta' Birkirkara.

Fl-1817 Pietro Paolo żżewweġ lil Giovanna Rosa Camilleri u baqa' joqgħod f'Bormla fejn fetaħ ħanut, jgħidulu *casa bottega*, (ħanut mad-dar residenzjali), fejn kien jaħdem ta' skultur fl-injam speċjalment ta' kandlieri għal diversi knejjes kif ukoll puleni għal fuq il-pruwa tax-xwieni ta' dak iż-żmien u anke statwi tal-ġebel għan-niċeċ fit-toroq. L-ewwel biċċa xogħol li għamel kienet l-istatwa tar-Redentur għall-kappella ta' Santu Kristu, f'Ħal Għaxaq, li tagħtu fama kbira għamilha fl-1828 meta l-membri tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju ta' Bormla qabduh jagħmlilhom statwa tal-Madonna tar-Rużarju.

Għamel żmien meta hu kien batut finanzjarjament u moralment speċjalment meta fl-1833 mititlu l-mara u ħallietlu tlitt itfal żgħar. Infatti fl-1836 kellu jerġa' jiżżewweġ, din id-darba lil Antonia Attard, biex ikollu minn jieħu ħsieb it-tfal. Hu kien jinteressa ruħu fil-ħajja artistika ta' din il-gżira tant li kien membru attiv tal-*Corpo delle Belle Arti del Disegno*. Fl-1855 insibu li kien mar joqgħod fil-Belt Valletta fi Strada Ponente Nru 7 fejn kellu wkoll *casa bottega*. Nafu dan mir-rapport li għamlu t-tliet 'periti dell'arte' (tliet artisti li kienu jgħixu f'dak iż-żmien u ta' min jgħid li kienu kompetituri tiegħu) li kienu Salvatore Micallef, Antonio Falzon u Salvatore Psaila fuq l-istatwa tar-Redentur li Azzopardi għamel għall-Konfraternità tal-Kurċifiss tal-Knisja ta' Bormla għax il-membri ta' dik il-Konfraternità dehrilhom li ma kinetx laħqet ċertu livell f'dik li hi arti. L-artisti/periti dell'arte sabu li dik l-istatwa kienet perfetta.

Fil-ħanut tal-belt, Pietro Paolo, għamel ukoll l-istatwa titulari tal-Mellieħa, il-Bambina (1853). Għamel ukoll l-istatwi titulari ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex (1839) u ta' San Ġwann għax-Xewkija (1845). Il-Konfraternità tas-Salib Imqaddes tal-Belt Valletta qabbdet lil Azzopardi jagħmlilha statwa ta' Kristu marbut mal-kolonna (1834). Żewġ vari oħra li jintużaw



F'Ta' Ġieżu, xogħol ta' Pietro Paolo Azzopardi



L-Ecce Homo ta' Pietro Paolo Azzopardi fil-Knisja ta' Bormla

fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa Bormla huma Ġesù marbut mal-Kolonna u l-Ecce Homo li kienu magħmula bejn l-1838 u l-1841. Statwi oħra li għamel Pietro Paolo kienu Sant'Agata għal Bormla (1846), Is-Sejba tas-Salib (1862) vara bi tliet figuri li issa tinsab fl-Oratorju tal-knisja ta' San Franġisk, Victoria, Għawdex u l-istatwa ta' San Mikiel (1865) li tinsab fil-knisja arċipretali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.


Il-Madonna tar-Ružarju ta' Pietro Paolo Azzopardi fil-Knisja ta' Bormla

Il-kittieb P. P. Castagna flimkien ma' perjodiċi jew gazzetti ta' dak iż-żmien, bħal *Il Trionfo della Religione* u *L'Ordine*, kollha jfaħħru x-xogħol artistiku ta' dan l-iskultur fl-injam. Pietro Paolo Azzopardi kellu ħafna xogħol bejn is-snin 1838 u 1858 fejn wera li kien skultur prolifiku f'dawk li huma statwi li jintużaw f'xi purċissjoni.

Dan l-iskultur miet fid-dar ta' ibnu Giuseppe f'nru 123 Strada Forni, il-Belt Valletta fl-24 ta' Ottubru 1875 fl-età ta' 84 sena. Hu kien midfun fil-qabar tal-familja Azzopardi fil-kappella li dak iż-żmien kienet iddedikata lil San Nikola u San Andrija u wara l-1890 ġiet iddedikata lil San Franġisk ta' Paola u lil San Mikiel. In-numru tal-qabar fejn għadu midfun kien numru 9.

**Referenzi**

Proceedings of History Week 1981, kitba ta' Eugene F. Montanaro paġni 61 sal-75.
Il-perjodiku 'Heritage' Nru 65, kitba ta' Eugene F. Montanaro, paġni 1308 sal-1312.
'Triqat Ħal Tarxien', kitba ta' Jos. A. Farrugia, paġni 41, 42.
'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien' ta' Vincent Borg, 1973, paġna 51.
Arkivju Parroċċa, Tarxien, Liber Defunctorum, VII, paġni 92 sat-93.

**Alfred u Martin**
*Gauci*

*Shoe Repairers*

**10, Triq Nazzarenu**
**Raħal Ġdid**

MARACANÃ

*MARACANA PASTIZZERIA*
Fleur De Lys Road, B'Kara
Tel: 2144 7613

*Pastizzi, qassatat, pizza, wudy cheese, wudy chicken, frankfurters, meat pie, chicken pie, anchovy pie, tuna spinach, timpana, ross, apple pies.*

*We accepted party orders*

*Daily fresh pastry, Puff pastry, Shortcrust pastry, Pizza pastry.*

*Frozen items available everyday*